MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-18 ta' Jannar, 2010

Numru. 311/2006

Il-Pulizija
(Sp Anthony Cassar)
vs
Carmel Callus, iben Carmelo, imwieled Pieta' fis-26 ta' Settembru, 1970
u
Alfred Spiteri, iben Joseph, imwieled iż-Żejtun fl-1 ta' Mejju, 1973
u
Joseph Spiteri, iben Joseph, imwieled iż-Żejtun fit-28 ta' Marzu, 1942

Il-Qorti,
Rat l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputati talli minn ġo għalqa sitwata f'Tax-Xorxa, limiti ta' Triq San Ġuzepp, Ħaż-Żabbar –

1. ikkomettew sgass u serq ta’ mutur tal-ħart tad-ditta Brumi, mutur tal-bexx tad-ditta Olemac, pompa kbira tal-ilma li taħdem bil-petrol u tromba għad-dannu ta’ Joseph u Raymond Pulis minn Ħaż-Żabbar, kif ukoll mutur tal-bexx ieħor għad-dannu ta’ persuna mhux magħrufa, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jeċċedi l-elf lira maltin (Lm1,000), bil-lok u bil-ħin;
2. talli fl-istess lok, żminijiet u ċirkostanżi xjentement laqgħu għandhom jew xtraw ħwejjeġ misruqa, meħuda b’qerq, jew akkwistati b’reat, jew, xjentement, b’kull mod li jkun indaħlu sabiex ibiegħhom jew imexxuhom;
3. talli fl-istess lok, żminijiet u ċirkostanżi, volontarjament ħassru, għamlu ħsara jew għarrqu ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, għad-dannu ta’ l-istess Joseph u Raymond Pulis minn Ħaż-Żabbar, liema ammont ta’ ħsara ma jiskorriex il-ħames mitt lira maltin (Lm500) imam iżjed minn ħamsin lira maltin (Lm50).

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tat-3 ta’ Settembru, 2007 fejn iddikjara li wara li ra l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputati u billi jidhirlu li tista’ tinsab ħtija jew ħtijiet taħt dak li hemm maħsub :
Fil-konfront ta’ l-imputati kollha –
a. fl-artikoli 261(b)(ċ)(e)(f), 263, 264, 265, 266, 267, 269, 270, 278, 279, 280 u 281 tal-Kodiċi Kriminali;
b. fl-artikolu 334 tal-Kodiċi Kriminali;
c. fl-artikolu 325(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali; u
d. fl-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali;
bagħat lura l-atti lil din il-Qorti sabiex tiddeċidi fuq l-akkuża ta’ din il-ħtija jew ħtijiet barra kull ċirkostanża oħra.

Rat il-verbal tas-seduta tat-12 ta’ Jannar, 2009 fejn l-imputati taw il-kunsens tagħhom biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi nkluża x-xhieda ta’ l-imputati bil-ġurament.

Rat id-dokumenti eżebiti.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukati ta’ l-imputati.

Ikkunsidrat,

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li fid-19 ta' April, 2004 seħħet serqa minn kmamar rurali li jinsabu fil-limiti ta' Ħaż-Żabbar. Minn dawn il-kmamar insterqu diversi għodod fosthom mutur tal-ħart, żewġ muturi tal-bexx u tromba.

Illi l-aħwa Pulis ma kellhom ebda suspett f'min seta' għamel din is-serqa u il-pulizija lienet qed tinvestiga dan il-każ.

Illi fid-19 ta' Mejju, 2004 l-imputat Alfred Spiteri ħa mutur tal-ħart għall-'service għand l-aħwa Pulis li huma l-agenti tal-magni tal-ħart Brumi. Il-mument li daħal fil-ħanut tagħhom laqgħu Joseph Pulis li qallu li dak il-mutur kien tiegħu. Pulis bagħat għall-pulizija li komplew jinvestigaw. Joseph Pulis xehed li dak il-mutur kien tiegħu u ta deskrizzjoni sodisfaċenti 'l għaliex l-mutur hu tiegħu billi għarafu minn diversi karatteristiċi distinti.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-mutur in kwistjoni kien inxtara minn Joseph Spiteri fuq suggeriment ta' ibnu Alfred Spiteri. Fil-fatt, Alfred Spiteri kien jiffrekwenta bar il-Marsa proprjeta' tal-imputat Carmel Callus. Dan Callus kien qal lil Alfred Spiteri li kellhu mutur tal-ħart u tal-bexx għall-bejgħ. Alfred Spiteri kellem lil missieru Joseph u dawn ftehmu li jmorru jaraw dawn il-muturi d-dar ta' Carmel Callus. In-negozju seħħ u Joseph Spiteri ħallas lil Carmel Callus is-somma ta' Lm520 għall-mutur tal-ħart u ieħor tal-bexx. Riċevuta ta' din it-transazzjoni ma saritx.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-prezz reali ta' dawn l-inġenji ġodda hu ta' madwar Lm840.

Illi Joseph Spiteri xehed li hu ma jifhimx u deherlu li l-prezz li ħallas kien wieħed ġust għall-affarijiet 'second hand'. Ibnu Alfred xehed li hu kien informa lil missieru u ma kellu xejn x'jaqsam ma dan in-negozju.

Illi Carmel Callus offra x-xhieda tiegħu, fejn qal li dak l-oġġetti kien tahomlu għarbi. Il-prezz tal-bejgħ jaħseb li kien ta' Lm500, li minnhom ta' s-somma ta' Lm300 lill-

għarbi.  L-għarbi, li tiegħu Carmel Callus ma kellu ebda nformazzjoni, qal li dawk l-oġġetti kienu ta' persuna li riedet izzarma mix-xogħol tal-għelieqi.

Illi mill-provi prodotti ma tirrizulta ebda prova li torbot lill-imputati mas-serq li seħħ mill-kmamar rurali u lanqas li għamlu xi ħsara skond l-akkuża.

Illi fil-fehma ta' din il-Qorti l-imputati Alfred Spiteri u Joseph Spiteri huma kredibbli u jidher li aġixxew in 'buona fede'.  Min-naħa l-oħra l-versjoni ta' Carmel Callus ma tistax titwemmen u hu kien jaf ben tajjeb li dawk l-oġġetti kellhom oriġini doluża.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputati Alfred Spiteri u Joseph Spiteri ħatja tal-akkużi miġjuba kontra tagħhom u għalhekk tilliberhom mill-istess akkużi.  Ma ssibx lill-imputat Carmel Callus ħati tal-ewwel u tat-tielet akkuża miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah minn dawn l-akkużi.  Issibu ħati tat-tieni akkuża.  Rat l-artikolu 334 (a) tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah għal piena ta' tnax il-xahar priġunerija.  Rat l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali u tordna li tali piena ma seħħ ħlief jekk l-imputat jikkometti reat ieħor li għalih hem mil-piena tal-priġunerija fi żmien erba' snin mil-lum.  Fiċ-ċirkostanżi mhemmx lok għall-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------